

II

(Atti mhux leġislattivi)

REGOLAMENTI

REGOLAMENT TAL-KUNSILL (UE) 2018/121

tat-23 ta' Jannar 2018

li jemenda r-Regolament (UE) Nru 560/2014 li jstabilixxi l-Impriża Konġunta dwar l-Industriji b'bażi Bijoloġika

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 187 u l-ewwel paragrafu tal-Artikolu 188 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Parlament Ewropew ⁽¹⁾,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew ⁽²⁾,

Billi:

- (1) Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 560/2014 ⁽³⁾ stabbilixxa l-Impriża Konġunta dwar l-Industriji b'bażi Bijoloġika ("l-Impriża Konġunta BBI").
- (2) L-Artikolu 12(4) tal-Istatuti tal-Impriża Konġunta BBI, stabbilita fl-Anness tar-Regolament (UE) Nru 560/2014 ("l-Istatuti"), jiddikjara li l-kontribuzzjoni finanzjarja mill-membri tal-Impriża Konġunta BBI għajr l-Unjoni għall-ispejjeż operattivi għandha tkun tal-anqas ta' EUR 182 500 000 tul il-perijodu previst fl-Artikolu 1 tar-Regolament (UE) Nru 560/2014, jiġifieri mill-istabbiliment tal-Impriża Konġunta BBI sal-31 ta' Diċembru 2024.
- (3) Il-Konsorzju tal-Industriji b'bażi Bijoloġika Aisbl ("BIC"), li huwa membru tal-Impriża Konġunta BBI minbarra l-Unjoni, għadu lest li jappoġġa l-ispejjeż operattivi tal-Impriża Konġunta BBI bl-ammont stabbilit fl-Artikolu 12(4) tal-Istatuti. Madankollu, ippropona modalità alternattiva ta' finanzjament permezz ta' kontribuzzjonijiet finanzjarji magħmulin mill-entitajiet kostitwenti tiegħu fil-livell tal-azzjonijiet indiretti.
- (4) L-objettiv tal-Inizjattiva Teknoloġika Konġunta dwar l-Industriji b'bażi Bijoloġika li jitwettqu attivitajiet permezz ta' kollaborazzjoni tal-partijiet ikkonċernati tul il-katina tal-valur sħaħ b'bażi bijoloġika, inklużi l-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju, iċ-ċentri tar-riċerka u tat-teknoloġija u tal-universitajiet jista' jinkiseb biss billi l-BIC u l-entitajiet kostitwenti tiegħu jitħallew ifornu l-kontribuzzjoni finanzjarja mhux biss bħala pagamenti għall-Impriża Konġunta BBI iżda anki bħala kontribuzzjonijiet finanzjarji għal azzjonijiet indiretti ffinanzjati mill-Impriża Konġunta BBI.
- (5) Għaldaqstant, hemm bżonn li jiġu emendati l-Istatuti sabiex il-BIC u l-entitajiet kostitwenti tiegħu jitħallew ifornu l-kontribuzzjoni finanzjarja għall-ammont sħiħ stabbilit fl-Artikolu 12(4) tal-Istatuti, sabiex daww il-kontribuzzjonijiet mhux biss ikunu jistgħu jsiru bħala pagamenti għall-Impriża Konġunta BBI iżda anki bħala kontribuzzjonijiet finanzjarji għal azzjonijiet indiretti ffinanzjati mill-Impriża Konġunta BBI u jiġu rrapportati lill-Impriża Konġunta BBI,

⁽¹⁾ Opinjoni tal-Parlament Ewropew tal-24 ta' Ottubru 2017 (għadha mhux ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali).

⁽²⁾ Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew tas-27 ta' April 2017 (għadha mhux ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali).

⁽³⁾ Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 560/2014 tas-6 ta' Mejju 2014 li jstabilixxi l-Impriża Konġunta dwar l-Industriji b'bażi Bijoloġika (ĠU L 169, 7.6.2014, p. 130).

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-Artikolu 12 tal-Istatuti tal-Impriża Konġunta dwar l-Industrija b'bażi Bijoloġika, kif stipulat fl-Anness tar-Regolament (UE) Nru 560/2014, huwa emendat kif ġej:

(1) Fil-paragrafu 3, il-punt (b) jiġi sostitwit b'dan li ġej:

“(b) il-kontribuzzjonijiet finanzjarji mill-membri minbarra l-Unjoni jew l-entitajiet kostitwenti tagħhom;”.

(2) Il-paragrafu 4 jiġi sostitwit b'dan li ġej:

“4. Il-kontribuzzjonijiet finanzjarji mill-membri minbarra l-Unjoni jew mill-entitajiet kostitwenti tagħhom għall-ispejjeż operattivi msemmijin fil-paragrafu 3(b) għandhom ikunu ta' mill-anqas EUR 182 500 000 tul il-perijodu stipulat fl-Artikolu 1 ta' dan ir-Regolament.

Dawn il-kontribuzzjonijiet finanzjarji għandhom isiru bħala pagamenti għall-Impriża Konġunta BBI jew bħala kontribuzzjonijiet finanzjarji għal azzjonijiet indiretti ffinanzjati mill-Impriża Konġunta BBI.”.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-23 ta' Jannar 2018.

Għall-Kunsill

Il-President

V. GORANOV